REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 446/2009

tal-14 ta' Mejju 2009

rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati ma' kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali għadu ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat miċ-Ċermen tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhix skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għall-perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Karawett mingħajr il-qoxra ta' barra u ta' ġewwa (karawett ibblanċjat). Il-karawett imqaxxar jiġi bblanċjat billi jgħaddi minn forn tal-gass b'erba' żoni ta' sħana, fejn il-qlub jinstamtu permezz ta' fwar jaħraq bejn 88 u 93 °C, qabel ma' jgħaddu minn żewġ żoni ta' tkessieħ. Permezz taż-żjieda fit-temperatura l-qlub jintefħu u b'ħekk jillaxkaw il-qoxra l-ħamra minn mal-qalba. Il-qoxra imbagħad titneħħa b'mezzi mekkaniċi. Il-karawett, li ma jkunux ittrattati iktar mit-tneħħija tal-qoxra, huma ppreżentati bl-ingrossa jew f'"boroż kbar" ta' madwar 1 000 kg.	1202 20 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 1202 u 1202 20 00. L-ibblanċjar tal-karawett għandu jitqies bħala trattament intiż l-aktar biex ineħħi l-qoxra l-ħamra minn mal-qalba u għaldaqstant iħaffef l-użu tagħhom. Dan it-trattament ma jibdilx il-karattru tal-karawett bħala prodotti naturali u ma jagħmilhomx adattati għal użu speċifiku iktar milli għal użu ġenerali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata ma' Kapitolu 12, Ġenerali, it-tieni paragrafu). Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 1202.